MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta tad-9 ta' Lulju, 2007

Talba Numru. 223/2007

**Maltacom Plc**

**Vs**

**Peter West**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi li gie pprezentat fil-5 ta` Marzu, 2007 in forza ta` liema intalab sabiex il-konvenut jigi kkundannat ihallasha s-somma ta` mija u tmintax il-lira u sitta u tlettin centezmu (Lm118.36), rapprezentanti ammont li ghadu dovut in konnessjoni ma` servizz tat-telefon li jgib in-numru 21581616, CN1051814 u Account 10210350

Ra illi l-konvenut ghalkemm debitament notifikat baqa` ma pprezenta ebda risposta in kontestazzjoni ghat-talba attrici.

Sema` lix-xhud Dr. Keith Grech li ddikjara sollennement illi l-ammont mitlub f`din il-kawza kien ghadu dovut sa l-gurnata ta` dak in-nhar illi xehed u dana peress illi baqa` ma sar ebda pagament mill-istess konvenut.

Ra d-dokumenti ezebiti ma` l-avviz.

Innota illi l-konvenut ghalkemm imsejjah diversi drabi baqa` ma deherx biex jikkontesta t-talba attrici.

Ghaldaqstant, it-Tribunal qieghed jaqta` u jiddeciedi dan il-kaz billi jilqa` t-talba attrici u konsegwentement jikkundanna lil konvenut Peter West sabiex ihallasha is-somma ta` mija u tmintax il-lira u sitta u tletin centezmu (Lm118.36), bl-imghaxijiet legali dekorribbli mid-data tal-prezentata ta` din il-kawza u bl-ispejjez kollha kif mitluba a karigu ta` l-istess konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------